MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 159/2004

**A mart B C f' isimha proprju, u bhala kuratrici ad litem ta' uliedha minuri D E u F**
**vs**
**B C**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-kontendenti zzewgu lil xulxin fl-10 ta' Ottubru 1980 skond ic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dokument A;

U peress illi minn dan iz-zwieg kellhom erba' ulied li tnejn minnhom u cioe' D E u F huma minuri kif jindika c-certifikat tat-twelid taghhom, Dokument B u Dokument C hawn annessi;

U peress illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m' ghadhiex aktar possibli minhabba adulterju, swat, theddid, mohqrija u ngurji gravi imputabbli ghall-konvenut fil-konfront tal-attrici martu, kif ukoll minhabba l-fatt illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment u fil-fatt fuq livell personali ilhom separati de facto ghal zmien sena cirka;

U peress illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi f' din l-istanza in forza tad-digriet relattiv moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili hawn anness u mmarkat Dokument D.

Jghid il-konvenut ghar-ragunijiet premessi u dawk li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza ghaliex m' ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli unikament lill-konvenut u ghal finijiet tal-Artikolu 48 (c) tal-Kap XVI tal-Ligijiet ta' Malta tistabilixxi d-data ta' meta l-istess konvenut irrenda ruhu hati ghal din il-firda;

2. Tawtorizza lill-attrici tghix separatament minn ma' zewgha l-konvenut;

3. Tordna li l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri D E u F tigi fdata f' idejn l-attrici salv l-access tal-konvenut ghall-minuri fil-granet u hinijiet stabbiliti minn dina l-Qorti;

4. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici, ghaliha u ghall-imsemmija uliedha minuri, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata illi tigi ffissata minn dina l-Qorti, skond il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet tal-attrici u uliedha minuri, pagabbli dan il-manteniment mill-konvenut lill-attrici, kull gimgha jew kull xahar kif tordna din il-Qorti jew jekk l-istess Qorti jidrilha xieraq, tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu, somma globali li fil-fehma tal-Qorti tkun bizzejjed sabiex l-attrici tkun finanzjarjament indipendenti jew anqas dipendenti fuq il-kovenut.

5. Tapplika kontra l-konvenut interament jew in parte, id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kap XVI tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oggetti formanti din il-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f' zewg porzjonijiet, in vista, inter alia mid-data tal-akkwist tad-diversi oggetti formanti parti mill-komunjoni u d-data stabbilita mill-Qorti bhala d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun gie kkunsidrat li minnha kien hati tal-firda, liema porzjonijiet ghandhom jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut, billi okkorrendo ghall-finijiet ta' din it-talba jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' qasma, nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur sabiex jirraprezenta l-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

7. TikkundA lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni kollha dotali u parafernali taghha u separatament tordna illi l-attrici tigi moghtija l-piena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha.

8. Tawtorizza lill-attrici tirregistra ossia tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Qorti.

9. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dar konjugali tal-kontendentiu cioe' <indirizz> jinghata ghal uzu esklussiv tar-rikorrenti u uliedha minuri u ghal dan il-fini tordna lil konvenut jizgombra mill-imsemmi fond u li l-kirja tal-istess fond tghaddi fuq l-isem tal-attrici biss.

Bl-ispejjez komprizi dawk inkorsi fil-proceduri quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attrici, il-lista tax-xhieda, u l-affidavits prezentati;

Rat li l-konvenut debitament ingunt baqa' kontumaci;

Rat il-ftehim milqugh mill-partijiet fis-seduta peritali tal-15 ta’ Frar 2005 rigwardanti certu aspetti tas-separazzjoni personali;[1]

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali l-Avukat Dottoressa Lydia Zerafa, minnha debitament mahlufa;[2]

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn ma’ zewgha l-konvneut ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16 unikament imputabbli lill-konvenut, kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni. Minn naha tieghu l-konvenut baqa’ kontumaci.

**Separazzjoni Personali**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijet izzewwgu fl-10 ta’ Ottubru 1980, u minn dan iz-zwieg kellhom erbat-it tfal, li tnejn minnhom ghadhom minorenni: D E u F li twieldu fil-11 ta’ Awissu 1996 u fl-10 ta’ Gunju 2002 rispettivament.

Jirrizulta mix-xhieda mhux kontraddetta ta’ l-attrici li matul il-hajja konjugali l-komportament tal-konvenut kien abbuziv b’ mod abitwali u ripetut konsistenti f’ episodji ta’ tghajjir u vjolenza fizika fuq l-attrici; kif ukoll xehha da parti tieghu, tant li l-attrici, avolja kellha l-oneru ta’ trobbija ta’ l-erbat-it tfal komuni tal-partijiet, kienet kostretta li tohrog tahdem barra mid-dar biex thallhaq ma’ l-ispejjez tal-hajja, u dan nonostante li l-konvenut kellu ntrojtu tajjeb.

Dan il-komportament tal-konvenut fil-konfront ta’ martu, fuq bazi abitwali u ripetut jikkostitwixxi ‘sevizzi’ fit-termini

[1] Fols.45a u 45b
[2] Fol.79 *et seq.*

ta’ l-artikolu 40 fuq indikat, stante li rrenda impossibbli l-kontinwazzjoni tal-konvivenza matrimonjali pacifika bejn il-partijiet, bir-rizultat li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment, u dan bi htija unika tal-konvenut.

Kura u Kustodja
F’ dan ir-rigward issir referenza ghall-ftehim raggjunt bejn il-partijiet, u li ma jirrizultax li jmur kontra l-interessi tal-minuri; u ghalhekk tordna li l-kura u kustodja tal-minuri D E u F tigi fdata f’ idejn l-attrici, bid-dritt ta’ access favur il-konvenut ta’ tlett darbiet fil-gimgha saghtejn kull darba, u darba fix-xahar it-tfal minuri ghandhom iqattghu weekend mal-konvenut.

Fil-kaz li l-partijiet ma jifthemux fuq il-granet u hinijiet ta’ l-access, il-Qorti qed tistabbilixxi s-segwenti modalita’ tal-access: kull nhar ta’ Tlieta u nhar ta’ Hamis mis-6.00pm sat- 8.00pm, u nhar ta’ Sibt mill-10.00am sal 12.pm; u fl-akkar weekend ta’ kull xahar, mill-Gimgha 6.30pm sal-Hadd 7.00 pm.

**Manteniment**
Illi anke f’ dan ir-rigward, il-Qorti taghmel referenza ghall-ftehim fuq indikat li permezz tieghu l-attrici rrinunzjat ghad-dritt li tircevi manteniment ghaliha minghand il-konvenut, filwaqt li dan obbliga ruhhu li mill-1 ta’ Ottubru 2005 huwa jhallas manteniment s-somma ta’ Lm40 fil-gimgha ghaz-zewg ulied minuri.

Ghaldaqstant il-Qorti tordna li l-konvenut jhallas lill-attrici s-somma ta’ tlieta u disghin Ewro [€94] fil-gimgha, manteniment ghaz-zewg minuri, u cioe’ sebgha u erbghin Ewro [€47] ghal kull wiehed.

Ghal kull buon fini qed jigi osservat li l-partijiet ftehmu wkoll li “jaghtu l-kunsens taghhom sabiex it-tfal minuri jkollhom l-passaporti skond il-ligi.”

**Komunjoni ta’ l-Akkwisti**
Illi f’ dan ir-rigward issir referenza ghall-ftehim precitat, u konformament tordna li l-assenjazzjoni ta’ dawn l-assi ssir bil-mod segwenti:

[1] Illi l-inkwilinat tad-dar matrimonjali <indirizz> proprjeta’ tal-Gvern ta’ Malta, qed jigi trasferit u assenjat esklussivament lill-attrici; filwaqt li l-konvenut iddikjara “li qed icedi kwalunkwe drittijiet fuq il-lokazzjoni ta’ l-imsemmi fond” u li l-attrici ghandha d-dritt li tghix fl-imsemmi fond flimkien ma’ l-ulied ad eskluzjoni ta’ l-istess konvenut.

[2] Illi l-mobbli kollha ezistenti fl-imsemmi fond qed jigu assenjati lill-attrici; filwaqt li l-vettura tal-marka Peugeot 205 [numru ta’ registrazzjoni MAT 205] qed tigi assenjata lill-konvenut.

[3] Illi l-kontijiet pendenti tad-dawl u ilma u tat-telefon fl-imsemmi fond, sal-15 ta’ Frar 2005, ghandhom jithallsu in kwanti ghal zewg terzi [2/3] mill-konvenut, u r-rimanenti terz [1/3] jithallas mill-attrici.

Jigi osservat ukoll li l-partijiet kienu ftehmu li l-ispejjez tal-kawza odjerna jinqassmu wgwalment bejniethom.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi:
[1] tilqa’ l-ewwel u t-tieni talba;
[2] tilqa’ t-tielet talba kif fuq stabbilit fis-sezzjoni ntestata “Kura u Kustodja”;
[3] tilqa’ r-raba talba limitatament kif fuq stabbilit fis-sezzjoni ntestata “Manteniment”; u tichadha ghall-kumplament;
[4] tilqa’ l-hames u s-sitt talba;
[5] tilqa’ s-sitt talba billi tiddikjara xjolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti, b’ effett mid-data ta’ din is-sentenza, u tillikwidaha u tassenja skond kif fuq stabbilit that is-sezzjoni ntestata “Komunjoni ta’ l-Akkwisti”;
[6] tilqa’ s-seba u t-tmien talba;
[7] tilqa’ d-disa’ talba, u konsegwenzjalment tordna li l-konvenut jizgombra mill-fond fuq indikat fi zmien xahar.

L-ispejjez jgu sopportati bejn il-partijiet konguntivament fi kwoti wgwali bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------